# IT-TAQSIMA TED TA' HERITAGE MALTA TINGĦATA Ċ-ĊERTIFIKAT ISO 9001:2015 MINN GOLDMAN SACHS

**Stqarrija l 14 ta' Settembru 2023**

It-Taqsima tat-Teknoloġija u l-Iżvilupp tal-Esperjenza (TED) li twaqqfet ftit xhur ilu fi ħdan Heritage Malta ngħatat iċ-ċertifikat ISO 9001:2015, li jixhed l-impenn tagħha biex tipprovdi prodotti u servizzi ta' kwalità, iżżid is-sodisfazzjon tal-viżitaturi, u ttejjeb il-proċessi interni tagħha bla waqfien.

ISO 9001:2015 huwa standard internazzjonali li jistabbilixxi l-kriterji għal sistema ta' maniġġar ta' kwalità. Jipprovdi wkoll qafas għall-organizzazzjonijiet biex jistabbilixxu, iwettqu, iżommu u jtejbu l-proċessi tagħhom għal maniġġar ta' kwalità.

It-Taqsima TED ta' Heritage Malta tikkonsisti fid-Dipartiment tat-Teknoloġija tal-Informatika, id-Dipartiment għall-Iżvilupp tal-Esperjenza, u d-Dipartiment tad-Diġitizzazzjoni. Dan tal-aħħar ingħata ċ-ċertifikat ISO 9001 f'Awwissu tas-sena li għaddiet, u b'hekk sar l-ewwel dipartiment fi ħdan l-aġenzija nazzjonali għall-wirt kulturali li kiseb dan iċ-ċertifikat prestiġjuż. Id-Dipartiment tad-Diġitizzazzjoni għandu l-inkarigu importanti li jiddiġitizza l-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, skont l-Att dwar il-Wirt Kulturali, u jservi bħala l-aggregatur nazzjonali għad-dejta dwar il-wirt kulturali. Id-dipartiment adotta l-ISO 9001:2015 bħala standard amministrattiv essenzjali biex jiżgura effiċjenza, kwalità u kompatibbiltà fl-operat tiegħu.

Wara li d-Dipartiment tat-Teknoloġija tal-Informatika u d-Dipartiment tad-Diġitizzazzjoni ngħaqdu flimkien fl-ewwel xhur tal-2023, mill-ewwel bdiet il-ħidma biex jinkiseb iċ-ċertifikat ISO 9001:2015 għat-Taqsima TED sħiħa, li tipprovdi servizzi ta' diġitizzazzjoni, tieħu ħsieb is-sistema ta' maniġġar ta' kollezzjonijiet fir-rigward tal-kollezzjoni nazzjonali, twettaq il-policy tal-aġenzija fejn jidħlu outreach u aċċessibbiltà diġitali, u tfassal l-esperjenza tal-viżitatur, fost ħidma oħra.

Fi żmien relattivament qasir, id-Dipartiment tat-Teknoloġija tal-Informatika ġie riorganizzat biex jissodisfa r-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni ISO. F'Lulju li għadda, awdituri minn Goldman Sachs, li jieħdu ħsieb l-akkreditazzjoni tal-ISO, spezzjonaw it-Taqsima TED u sabu li tikkonforma għalkollox mar-regolamenti tal-ISO. B'hekk seta' jingħata ċ-ċertifikat, u t-Taqsima TED saret l-ewwel waħda fi ħdan Heritage Malta li kisbet din l-akkreditazzjoni prestiġjuża.

F'kumment dwar il-kisba ta' dan iċ-ċertifikat, Kenneth Gambin, il-Kap tal-Operat ta' Heritage Malta, qal li din il-kisba tirrifletti l-istrateġija operattiva tal-aġenzija lejn il-kwalità u l-aħjar prattika. "Il-kisba ta' dan iċ-ċertifikat hija pass importanti għall-aġenzija tagħna, għax tixhed l-istandards għoljin li rnexxielna nilħqu permezz ta' sforz kontinwu biex intejbu l-livell tas-servizzi li noffru kif ukoll l-effiċjenza tagħna fil-mod kif nippreservaw u nikkomunikaw il-wirt kulturali fdat lilna," qal Kenneth Gambin.

Anthony Cassar, li jmexxi t-Taqsima TED, qal li ċ-ċertifikazzjoni ISO sservi bħala eżempju għal taqsimiet oħra fi ħdan l-aġenzija. Huwa enfasizza li ċ-ċertifikat mhux kisba ta' darba, iżda jirrikjedi impenn bla heda lejn titjib kontinwu u konformità mal-kriterji stretti marbutin mal-għoti taċ-ċertifikat. Kull sena jsir awditjar minn entitajiet terzi tal-akkreditazzjoni biex ikunu żgurati l-ogħla standards possibbli.